C/2024/2185

14.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11288 — TAPESTRY / CAPRI)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2185)

1. Fis-6 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Tapestry, Inc. ("Tapestry", l-Istati Uniti),

— Capri Holdings Limited ("Capri", il-Gżejjer Verġni Brittaniċi).

Tapestry se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Capri.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Tapestry hija grupp tal-moda ta' lussu magħmul minn tliet marki: Coach, Kate Spade New York, u Stuart Weitzman. Il-prodotti mibjugħa taħt il-marki ta' Tapestry jinkludu basktijiet tal-idejn, oġġetti żgħar tal-ġilda, ħwejjeġ, żraben, u aċċessorji bħal arloġġi tal-idejn, nuċċalijiet tax-xemx, ġojjellerija, u fwejjaħ,

— Capri huwa grupp tal-moda ta lussu li jiddiżinja u jimmanifattura prodotti tal-moda lussużi, inkluż ħwejjeġ, żraben, u aċċessorji bħal basktijiet tal-idejn u oġġetti żgħar tal-ġilda. Il-portafoll ta' Capri jikkonsisti fi tliet marki: Versace, Jimmy Choo, u Michael Kors.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.11288 — TAPESTRY / CAPRI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").